**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Dr. Edwina Grima LL.D.**

**Appell Nru: 405/2018**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Sylvana Zrinzo Azzopardi)**

**Vs**

**Keith Schembri**

**John Galea, a.k.a. Juan Galea Naudi**

Illum 27 ta' Novembru, 2020

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanti Keith Schembri detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 173882(M), u Juan Galea Naudi detentur tal-karta ta'l-identita Maltija 715558(M) akkuzati quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

> Fil-kwalita` tagħhom bħala rappreżentanti u l-persuni responsabbli mill-partnership 'Focal Repairs', b'indirizz reġistrat 105, St.George's Road, St.Julians, Malta u/jew bħala persuni li kienu nkarigati sabiex jħallsu l-pagi dovuti, naqsu li jħallsu id-differenza tal-bqija ta' kuntratt definit ekwivalenti għall-nofs il-paga kollha li kienet tkun tmiss lill-impjegat dwar il-bqija taż-żmien stipulat epressament mifthiem, għall-perjodu ta' bejn id-09 ta' Marzu, 2016, u t-30 ta' Novembru, 2016, ammontanti għal erbat' elef, ħames mija u tletin ewro u erbatax-il

ċenteżmu (€4,530.14) inklużi t-taxxa u l-bolla u li kienu dovuti lil ex-impjegat tiegħu, u ċioe' lil Jozsef Bus (142492A).

Għaldaqstant, il-Qorti ġiet mitluba bir-rispett tordna lill-imputati, ai termini tal-artikolu 45(1) tal-Kapitolu 452 tal-Liġijiet ta' Malta, sabiex iħallsu l-penali skont il-Liġi, kif ukoll tordna lill-imputati, ai termini tal-artikolu 45(2) tal-Kapitolu 452 u tar-Regolament 22 tal-Avviż Legali 247 ta' l-2003, kif emendat bl-Avviż Legali 427 ta' l-2007 u 259 ta' l-2012 tal-Liġijiet ta' Malta, sabiex iħallsu lil Jozsef Bus (142492A) l-ammont ta' erbat' elef, ħames mija u tletin ewro u erbatax-il ċenteżmu (€4,530.14), kif ukoll il-Qorti ġiet mitluba bir-rispett issib lil imputati ħatja taħt lartiklu 18 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta għar-raġunijiet hawn fuq speċifikati.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tal-24 ta' Ottubru 2018, fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli 5, 22, 23, 36, 36(11), 45, 46 u 47(2) tal-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali, Kapitolu 452 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-regolamenti 8 u 22 tar-Regolamenti dwar l-Organizzazzjoni tal-Hin tax-Xoghol, Avviz Legali 247 tal-2003, tar-regolament 3 tal-Ordni ta' Standard Nazzjonali dwar Allowance fil-Gimgha (Avviz Legali 112 tal-1988), sabet lill-imputati hatja tal-akkuzi migjuba fil-konfront taghhom u kkundannathom multa ta' €400 kull wiehed. F'kaz li tali ammont ma jithallasx hekk kif ordnat, dan ghandu jigi konvertit fi prigunerija ai termini tal-ligi. Inoltre` wara li rat l-artikolu 45(2) tal-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali, ordnat lil hatja jhallsu bejniethom lil Jozsef Bus, detentur tal-karta tal-identita` 142492A, l-ammont ta' erbat' elef, ħames mija u tletin ewro u erbatax-il ċenteżmu (€4,530.14).

Rat ir-rikors tal-appell tal-imputati Keith Schembri u Juan Galea Naudi, pprezentat fl-1 ta' Novembru 2018, fejn talbu lil din l-Qorti thassar u tirrevoka s-sentenza appellata li permezz taghha huma instabu hatja tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontrihom u li per konsegwenza ta' tali htija huma gew immultati erba' mitt ewro kull wiehed u kkundannati jhallsu nofs il-pagamenti mensili tas-salarju dovut lil Jozsef Buz mill-mument illi huwa ma baqax jahdem maghhom skond kuntratt definit illi huma kellhom mieghu, u tirriforma tali kundanna ta' htija billi wara li terga tisma l-kaz taghhom mill-

gdid, tilliberahom minn kull htija u minn kull imposizzjoni ta' piena stante illi huma ma jahtu ghall-ebda mod ghall-isfrattu tax-xoghol ta' dan il-haddiem stess u ghal mod kif huwa spicca ma jkomplix il-kuntratt definit tieghu.

Rat l-aggravji imressqa mill-appellanti.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semghet trattazzjoni.

Ikkunsidrat,

Illi fl-appell minnhom intentat l-appellanti isostnu illi dan ma kienx kaz ta' terminazzjoni ta' impjieg, izda kaz fejn l-impjegat ghazel minn jeddu li jabbanduna il-post tal-impjieg tieghu u dan meta ghalkemm mibghut jahdem f'post iehor u mhux dak indikat fuq il-kuntratt tal-impjieg, l-impjegat irrifjuta li jaghmel dan, ghalkemm inzijalment accetta din ir-rilokazzjoni. Jikkontendu l-appellanti illi r-raguni moghtija lill-awtoritajiet koncernati dwar ir-raguni ghat-terminazzjoni tal-impjieg bhala wahda ta' *redundancy* kienet unikament sabiex jigi protett l-impjegat biex ma jkollux diffikulta' meta jigi biex isib impjieg iehor. Fuq kollox jikkontendu illi l-qaghda ekonomika hazina tal-azjenda li wasslet ghall-gheluq taghha tant ghalhekk illi kellhom jitkeccew l-impjegati abbazi ta' nuqqas ta' xoghol, taqa' taht it-tifsira ta' "raguni tajba u bizzejjed" indikata mill-legislatur fl-artikolu 36(14) tal-Kapitolu 452 tal-Ligijiet ta' Malta li allura jezonera lil principal mill-hlas imsemmi fis-sub-inciz (11) tal-imsemmija disposizzjoni tal-ligi li fuqha l-Ewwel Qorti sejset ir-reita'.

Huwa fatt inkontestat illi l-parti leza Jozsef Buz iffirma kuntratt ta' impjieg ghal zmien definit mas-socjeta "Focal Repairs" ghal zmien sena u dan wara perijodu ta' *probation* ta' sitt xhur. Il-kuntratt kellu il-bidu tieghu fit-13 ta'

Novembru 2015 bil-haddiem jigi impjegat fil-kariga ta' *Devices and Technical Support Technician.* Gara izda illi fit-02 ta' Marzu 2016, u allura qabel ma skada it-terminu tal-kuntratt l-appellanti infurmaw lil Buz li kien naqqsilhom ix-xoghol u allura kienu kostretti jitterminaw l-impjieg tieghu u nghatat il-gimgha *notice* skond il-ligi. Jidher madanakollu illi l-ghada l-appellanti regghu tkellmu mal-impjegat taghhom u offrewlu xoghol alternattiv li huwa ma accettax ghaliex jallega illi l-principal tieghu ma offrielu ebda garanzija illi dan ix-xoghol ma jigix terminat ukoll bl-istess mod. Illi fit-*termination of employment form* ikkumpilata mill-appellanti ir-raguni ghat-terminazzjoni ta'l-impjieg gie indikat bhala dak ta' "*redundancy*". Ghalhekk saret it-talba mill-impjegat ghas-somma ta' €4530.14 ammontanti ghan-nofs is-salarju dovut ghax-xhur li kien baqa' miz-zmien tal-kuntratt ta'impjieg minnu iffirmat u dan kif hemm mahsub fl-artikolu 36(11) tal-Kapitolu 452 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issa kif inghad, l-appellanti kemm quddiem l-Ewwel Qorti kif ukoll fl-aggravji minnhom ntentati jishqu illi mhuwiex minnu illi l-impjieg tal-parti leza Buz gie itterminat u dan ghaliex huwa gie offrut xoghol alternattiv f'lokazzjoni differenti minn dak fejn kien jahdem, u li kien l-impjegat allura li rrifjuta li jigi rilokat. Fil-fatt jindikaw illi l-kuntratt ta'l-impjieg tieghu jispecifika illi l-post tax-xoghol tieghu ma kienx unikament dak indikat fl-imsemmi kuntratt imma ukoll fi kwalunkwe post iehor fejn il-principal jiddeciedi li ghandu jirrilokah. Issa din il-Qorti bhala qorti ta' revizjoni ma tiddisturbax leggerment l-apprezzament tal-provi li jkun gie maghmul mill-Ewwel Qorti iktar u iktar meta dak l-apprezzament ikun wiehed approfondit u studjat bhalma hu dak maghmul fis-sentenza li l-appellanti qed ifittxu biex jimpunjaw.

Issa ighidu x'ighidu l-partijiet, il-Qorti hija marbuta ma' dak li hemm indikat fil-formola tat-terminazzjoni ta'l-impjieg tal-haddiem. F'din il-formola ezebita fl-atti a fol.65 bhala Dokument JS2, jirrizulta inkonfutabbilment illi fid-data tat-08 ta' Marzu 2016, l-impjieg ta' Jozsef Buz **gie itterminat** mill-principal tieghu u dan fuq bazi ta' nuqqas ta' xoghol u cioe' ta' "redundancy". Din il-formola hija iffirmata mill-appellanti u mill-impjegat u wasslet fl-ufficju tal-

ETC fl-14 ta' April 2016. Dan ghaliex fic-cirkostanzi ma huwa xejn verosimili li fic-certifikat tat-tmiem ta' l-impieg ta' Buz ma inghatatx ir-raguni vera ghat-terminazzjoni ta' l-impieg tieghu.

Illi ghalhekk ghalkemm l-appellanti jikkontendu illi mhuwiex minnu li l-kuntratt tal-impjieg gie itterminat ghaliex l-impjegat gie dirett jirrapporta ghax-xoghol f'lok iehor immexxi mill-istess principal, madanakollu jemergu fatti ghal kollox differenti mill-provi li jinsabu fl-atti. Jibda biex jinghad illi l-korrispondenza inizjali bejn il-principal u l-impjegat tindika car u tond illi l-impjieg kien qed jigi terminat minhabba nuqqas ta' xoghol. Meta xi jiem wara l-appellanti kellhom ripensament l-impjegat gie offrut xoghol lil hinn mill-kuntratt ta'l-impjieg originali tieghu billi fl-ewwel lok l-impjieg li kien qed jigi offrut kien ma' azjenda kummercjali differenti bl-isem ta' "Atom I.T. Technics" u mhux "Focal Repairs". Tant hu hekk illi l-appellant Keith Schembri stess jammetti illi in-negozju ta' "Focal Repairs" spicca ghalaq il-bibien tieghu minhabba nuqqas ta' xoghol. Kwindi ma jistax jinghad mill-appellanti illi l-kuntratt ta'l-impjieg li gie iffirmat ma' Jozsef Buz ma kienx gie mitmum.

Issa l-appellanti jinsabu mixlija bir-reat mahsub fl-artikolu 36(11) tal-Kapitolu 452 tal-Ligijiet ta' Malta, bis-sub-iniciz (14) jezonera lil principal minn dan il-hlas jekk ikun hemm raguni tajba u sufficjenti, liema raguni l-appellanti jikkontendu li kienet tezisti gjaldarba n-negozju taghhom kien sejjer hazin, tant hu hekk li r-raguni moghtija fit-termination of employment form hija indiakata bhala dik ta' *redundancy*. Illi l-Qorti lanqas ma din il-linja difensjonali ma tista' taqbel u cioe' illi kienet tezisti din ir-raguni tajba u sufficjenti, u dan ghaliex fl-ewwel lok meta l-appellanti impjegaw lill-Buz b'kuntratt definit ghal zmien sena kienu diga' a konoxxenza tar-riskju li kienu qeghdin jiehdu billi n-negozju kien ghadu mhux wiehed sod u stabbilit. Dan ighidu Keith Schembri stess fil-kors tax-xiehda tieghu tant hu hekk illi meta Buz gie offrut xoghol mas-socjeta 'Atom', l-ewwel haga li staqsa lil principal tieghu kien jekk f'dan ix-xoghol gdid setax jiggarantielu stabbilita' u permanenza, haga li skond dak li jixhed Buz l-appellant ma ggarantielux. Illi allura ma jistghux l-appellanti jinqdew bl-iskuza illi huma kienu ksotretti

jkeccu il-haddiema minhabba nuqqas ta' xoghol bhala raguni tajba, meta huma kienu jafu mill-bidunett meta gie iffirmat il-kuntratt illi ma setghux jiggarantixxu impjieg ghal zmien sena kif intrabtu illi jaghmlu. Ladarba huma ghazlu li jiehdu dan ir-riskju allura ma ghandux ikun l-impjegat, imbaghad, li jbati minhabba d-decizonijiet avventati taghhom. Izda fuq kollox dak li ma jista' qatt jezonera lill-appellanti mir-resposnabbilta' penali huwa il-fatt illi ghal xahrejn shah wara li l-impjieg ta' Buz gie itterminat dahal haddiem iehor minfloku li kien qed jahdem fuq l-istess linja ta' xoghol tieghu tant illi Buz sahansitra ntalab mill-principali tieghu sabiex jaghti *handover* lil dan il-haddiem, certu Nikolai Mercieca, u dan bi ksur manifest ta' dak mahsub fl-artikolu 36(4) tal-Kapitolu 452 tal-Ligijiet ta' Malta. Dan il-fatt wahdu iktar u iktar jikkonvinci lil din il-Qorti bhall-Ewwel Qorti qabilha illi r-reita' tissussisti bl-appellanti ma jistghux issa jaharbu mill-obbligazzjonijiet kontrattwali minnhom assunti.

Illi l-Ewwel Qorti ghamlet ezami erudit u approfondit tal-provi kollha li kien hemm fl-atti u tad-dokumentazzjoni hemmhekk ezebieta u din il-Qorti taderixxi kompletament mal-konsiderazzjonijiet hemmhekk maghmula u ma tara ebda mottiv li jista' igieghlha titbieghed mil-fehma legalment u fattwalment siewja milhuqa fis-sentenza appellata.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud u s-sentenza appellata kkonfermata fl-intier taghha.

(ft) Imhallef

Vera Kopja

Joyce Agius
Deputat Registratur